IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009 skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

# DEĊIŻJONI Nru 1/2009 TAL-KUNSILL TA' KOOPERAZZJONI UE-UKRAINA

## tat-23 ta' Novembru 2009

## dwar l-istabbiliment ta' Kumitat Konġunt

(2010/254/KE)

IL-KUNSILL TA' KOOPERAZZJONI UE-UKRAINA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u l-Ukraina, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 88 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 88 tal-Ftehim jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni li jistabbilixxi kwalunkwe kumitat jew korp speċjali ieħor biex jassistih fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu u għandu jiddetermina l-għamla u d-dmirijiet ta' dawn il-kumitati jew korpi u kif għandhom joperaw.

(2) Attwalment, il-Partijiet qegħdin jinnegozjaw Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles profonda u komprensiva.

(3) Il-Partijiet għall-Ftehim qablu dwar it-test tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina.

(4) Jinħtieġ Kumitat biex jirrevedi l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni kif ukoll il-prijoritajiet futuri u kwalunkwe aġġustament meħtieġ. Dan il-Kumitat Konġunt ser jopera fil-livell ta' uffiċjali għolja,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni qiegħed b'dan jistabbilixxi Kumitat Konġunt fil-livell ta' uffiċjali għolja. Il-Kumitat Konġunt għandu jirrevedi l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni kif ukoll il-prijoritajiet futuri u kwalunkwe aġġustament meħtieġ għaliha.

Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' b'mod regolari, minn tal-inqas darba fis-sena.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill ta' Kooperazzjoni*

*Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE*
C. BILDT

*Il-Kap tad-Delegazzjoni Ukraina*
Y. TYMOSHENKO